FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-11 TA' LULJU 2001

PULIZIJA
SPETTUR PAUL CAMILLERI
VS
GEORGE STANYER

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George Stanyert ta' 46 sena bin Joseph u Mary nee Baker, imwieled Bormla fis-6 ta' Mejju 1954 u joqghod 27, Flat 5, Triq il-Tejatru l-Antik, Valletta karta tal-identita numru 381054M talli fl-10 ta' Gunju 2000 ghal habta ta' xi 5.30pm fil-Belt Valletta bla ordni skond il-ligi ta' Awtorita kompetenti arresta, zamm jew issekwestra lil Maria Dolores Cini li toqghod 27, Flat 8, Triq it-Tejatru l-Antik, Valletta, kontra l-volonta taghha bhala mezz biex igieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u dan bi ksur tal-artikoli 86 u 87(g) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'post pubbliku jew f'post li ghalih ghandu access il-pubbliku, ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna tal-istess Maria Dolores Cini, u dan bi ksur tal-artikolu 207 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil u sar fil-pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 209 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u  tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fl-10 ta’ Gunju 2000 Maria Dolores Cini rraportat l-ghassa tal-Belt li l-gara taghha, l-imputat, kien stupraha jew attenta li jistupraha. Illi ghalhekk infethet inkjesta fejn il-Qorti nnoinat fost ohrajn lil Dr Mario Scerri.

Illi l-pulizija nel ftattemp kienu investigaw lill-imputat Stanyer fejn wara s-solitu twissija l-imputat ammetta li kien attenta li jistupra lil Cini. L-istqarija dok PC1 tinstab a fol 41 tal-process. Din l-istqarrija hija ammissjoni esplicita ta’ dal li ghamel l-imputat.

In oltre skond ix-xhieda ta’ Dr Mario Scerri kif wkoll f’xhieda li huwa gabar a fol 20, 21 u 22 jirrizulta illi l-imputat rega ammetta l-ghemil zieni tieghu dak inhar.

Illi apparti li hekk ghamel f’examination in chief l-imputat pprova jinnega kollox hekk kif bidet tistqsi xi domandi il-Qorti, l-imputat qabad u ammetta mal-ewwel.

Din il-Qorti taghmel accenn li l-vittma Dolores Cini tbaghti min mild retardation waqt li l-imputat Stanyer huwa bniedem ta’ very low IQ.

Ikkunsidrat:-

Illi ghalhekk din il-Qorti ghar-rigward ta’ htija ser toqwghod fuq l-ammissjoni tal-istess imputat li ta’ fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi ghalhekk il-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni akkuza – stante li l-incident gara fl-intrata tal-Blokk flats – u ghalhekk f’post accessibbli ghall-pubbliku, bl-ewwel u t-tielet akkuza assorbiti u wara li rat Art 207, 86 u 87g, Art 209, Art 28a tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.